## GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.

### SEDUTA TA' NHAR IT-TLIETA, 16 TA' JANNAR, 2001

*Avviz. Nru 1821/00 AJD*

Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra

vs

Silvio Grima

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin liri Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm50.39) rapprezentanti hlas ta' Royalty in kwantu ghal tlieta u erbghin liri Maltin u tnejn u tmenin centezmi (Lm43.82) Royalty u sitt liri u sebgha u hamsin centezmi (Lm6.57) Taxxa fuq il-Valur Mizjud dovut bil-quddiem, in konnessjoni mal-licenzja Numru 010525 (Dok. A) rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Belmar Restaurant, ghall-perijodu mis-6 ta' Mejju, 2000, sal-5 ta' Mejju, 2001.
Bl-ispejjes, inkluzi l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-datat tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes tal-Avviz u tal-ittra legali tal-1 ta' Awissu, 2000, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Veronica Naudi li kkonfermat li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut lis-socjeta' attrici.  Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamsin liri Maltin u disgha u tletin centezmi (Lm50.39) bl-imghaxijiet kummercjali mid-data tal-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-1 ta' Awissu, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR